**TRIBUNAL INDUSTRIJALI**
**DEĊIŻJONI NUMRU 2566**

Chairperson: Dr. Charmaine Cristiano Grech LL.D.

**Kaz Nru: 3318/CCG**
**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**
**bejn**
**Christopher Zammit Dimech (K.I. Numru 269384(M))**
**u**
**Cherry Limited**
Dwar: tkeċċija mill-impjieg allegata li hi inġusta

Illum 5 ta' Diċembru 2018

**Preliminari**

Ir-rikorrent ippreżenta rikors fejn spjega li kien impjegat bħala *Creative Web Designer* fuq bażi full time mas-soċjeta intimata permezz ta' kuntratt datat 25 ta' Ġunju 2013 u versu s-salarju ta' elfejn sitt mija sitta u sittin ewro u sitta u sittin ċenteżmu ta' ewru, u ma' dawn kellhom jiżdiedu kull bonuses spettanti skont il-liġi. Ir-rikorrent ibati minn kundizzjoni f'qalbu u għalkemm huwa jista' jgħix ħajja relattivament normali, huwa kien ġie rakommandat mit-tabib tiegħu li jaħdem mid-dar minħabba li kien qed iħoss ċertu sintomi fiżiċi relatati mal-kundizzjoni tiegħu. Minħabba li xogħlu faċilment seta' jsir mid-dar huwa talab lis-soċjeta sabiex jingħata l-fakulta li jaħdem mid-dar. f'Settembru tal-2014 is-soċjeta intimata ddeċidiet li unilateralment tirtira din il-fakulta u talbet lir-rikorrent jirritorna xogħol fl-uffiċċju fuq bażi kwotidjana. Għalkemm ir-rikorrent spjega li dan ma setax isir, is-soċjeta permezz ta' ittra datata 24 ta' Settembru 2014, informatu li kienet qed ittemm l-impjieg tiegħu. Ir-rikorrent għaldaqastant talab lit-Tribunal sabiex jiddeċiedi u jiddikjara li s-soċjeta intimata keċċietu u tterminatlu l-impjieg b'mod inġust u mingħajar raġuni tajba u biżżejjed fil-liġi, u/jew b'mod diskriminatorju; jiddeċiedi u jiddikjara li konsegwentement tali tkeċċija u terminazzjoni huma nulli u mingħajr ebda effett fil-liġi; jordna lis-soċjeta tirreintegra lir-rikorrent fl-impjieg tiegħu magħduda l-arretrati tas-salarju tiegħu mid-data tat-terminazzjoni inġusta; f'każ li t-talba preċedenti ma tiġix milqugħa jillikdwida kumpens xieraq u adekwat u jikkundanna lis-soċjeta tħallas il-kumpens kif likwidat lir-rikorrent.

Is-soċjeta intimata ppreżentat dikjarazzjoni fejn ikkonfermat li r-rikorrent kien ġie impjegat fil-25 ta' Ġunju 2013 bħala *Creative Web Designer* fuq bażi *full time.* Saret referenza għall-kuntratt tal-impjieg fejn skont klawsola 5.1 tal-kuntratt huwa kien obbligat li jattendi għax-xogħol u jwettaq id-dmirijiet tiegħu fil-bini operattiv tal-kumpannija jew f'xi post ieħor determinat mill-istess, fuq id-diskrezzjoni assoluta tagħha. Barra minn hekk, skont klawsola 5.2, għalkemm ir-rikorrent kellu livell ta' flessibilita huwa kien mistenni jattendi l-uffiċċju bejn l-għaxra ta' filgħodu u t-tlieta ta' wara nofsinhar. Is-soċjeta kkonfermat illi r-rikorrent kien għamel talba sabiex jaħdem mid-dar minħabba kundizzjoni medika li kellu u s-soċjeta aċċettat illi jagħmel dan għal perjodu ta' erba' ġimgħat, sabiex ikun jista' jistrieħ u jirkupra minn dak li kien mifhum li kien deterjorament

temporanju fil-kundizzjoni tiegħu. F'Ġunju, waqt laqgħa ġie maqbul illi dan il-perjodu jiġi estiż minħabba li dak iż-żmien ir-rekwiżiti tal-kumpannija kienu jippermettu li jsir dan. F'nofs Settembru is-soċjeta sejjħet lir-rikorrent sabiex jiddiskutu ritorn mill-ġdid għad-doveri tiegħu u ssuġġeriet żieda gradwali ta' sigħat maħduma mill-uffiċċini u kienet lesta ukoll tiddiskuti xi soluzzjonijiet oħra li jistgħu jiffaċilitaw il-ħidma tar-rikorrent. Minkejja dan, ir-rikorrent qatt ma ta informazzjoni lis-soċjeta ta' kif ser jirritorna lura x-xogħol u fin-nuqqas ta' dan is-soċjeta ma kellha l-ebda alternattiva ħlief li tikkunsidra lir-rikorrent li abbanduna l-impjieg tiegħu. Is-soċjeta kompliet tispjega għalfejn ma kienx possibili li r-rikorrenti jkompli bl-arranġament li jaħdem mid-dar minħabba li xogħlu kien dipendenti fuq *team work* u li kellu jikkomunika, jikkolabora u jikkordina mal-i*stakeholders*, xi ħaġa li ma setgħetx issir bih jaħdem mid-dar. apparti minn hekk, skont iċ-ċertifikati mediċi ppreżentati mir-rikorrent, filwaqt li jissuġġerixxu li kien ikun utli għar-rikorrent li jaħdem mid-dar ma jaslux sabiex jippreskrivu l-imsemmija soluzzjoni. Għaldaqstant is-soċjeta tissottometti illi t-terminazzjoni kienet waħda ġusta.

**<u>Sinteżi tax-xhieda</u>**

Marius Anderson, managing director ta' Cherry Limited f'Malta spjega l-istruttura tal-kumpannija u x'tip ta' servizzi toffri. Mistoqsi dwar l-attitudni tal-kumpannija lejn l-impjegati x-xhud qal li huma joperaw b'ideal ta' *'freedom under reponsibility'* fejn hu spjega li għandhom ħinijiet tal-uffiċċju mandatorji fejn l-impjegati kollha jridu jkunu l-uffiċċju. Ix-xhud spjega kif ir-rikorrent kien talab li jaħdem mid-dar, u dan l-arranġament sar bi prova ta' xahar. Dan ix-xahar prova sar qabel is-sajf u imbagħad kien ġie estiż għas-sajf kollu. Huwa qal li wara dan il-perjodu ta' prova r-rikorrent m'aċċettax li jidħol lura l-uffiċċju u din ħaduha bħala riżenja. Huwa qal li kienu pproponew illi jidħol lura l-uffiċċju *full time* b'mod gradwali pero r-rikorrenti ma kienx aċċetta. Mistoqsi in kontro eżami jekk kienx iddiskuta s-sitwazzjoni mar-rikorrent, ix-xhud qal li iva kellhom diskussjoni fejn ir-rikorrent wera l-gratitudni tiegħu lejn il-kumpannija li ħallietu jaħdem mid-dar. Mistoqsi min kien iddeċieda fuq perjodu ta' prova ta' xahar, ix-xhud wieġeb li dan kien il-perjodu maqbul mar-rikorrent, ma' Daniel Oskarssen u ma' Gemma Hodge. Huwa kien staqsa x'impatt dan kien ser ikollu fuq il-proġetti l-oħrajn tagħhom u c-*chief marketing officer* kien spjegalu fid-dettall kif dan kien ser jissolva. Ix-xhud qal li kien staqsa meta r-rikorrent kien ser jerġa' jibda jaħdem mill-uffiċċju għaliex kellhom ħafna xogħol u proġetti pero xorta estendew il-perjodu fejn ir-rikorrent seta' jaħdem mid-dar. Ix-xhud qal li ddeċidew li jkeċċu lir-rikorrent għaliex kellhom ħafna proġetti u kellhom bżonn *graphical designer* li jkun qiegħed l-uffiċċju u jkun parti minn tim.

Daniel Oskarssen, *chief marketing officer* tas-soċjeta spjega kif kienu impjegaw lir-rikorrenti fl-2013. Dak iż-żmien is-soċjeta kienet kumpannija pjuttost żgħira u kellhom biss żewġ designers u huwa kien is-superjur dirett tar-rikorrent. Meta l-kumpannija bdiet tikber huma impjegaw koordinatur li kien jieħu ħsieb it-tim ta' designers. F'xi April 2014 huwa ma kienx aktar is-superjur dirett tar-rikorrent. Huwa qal li kien kuntent ħafna bil-livell tax-xogħol tar-rikorrent. Ix-xhud spjega li r-rikorrent kien talbu jaħdem mid-dar fir-rebbiegħa tal-2014, f'xi Mejju, u qablu li din għandha tkun soluzzjoni temporanja. Ix-xhud spjega kif xi erba' jew ħames ġimgħat wara reġgħu tkellmu u r-rikorrent qallu li kien qiegħed iħossu ħafna aħjar fiżikament. Fl-aħħar tas-sajf kienu

qed jippjanaw proġetti kbar għall-ħarifa u għalhekk f'xi Settembru talab lir-rikorrent sabiex jerġa' jibda jaħdem *full time* mill-uffiċċju. Ix-xhud spjega li kien qiegħed jittama li r-rikorrent jew il-konsulent mediku tiegħu kienu ser jagħtuh xi suġġerimenti dwar kif ser jerġa' jibda jaħdem *full time*. Waqt il-laqgħa li kellu mar-rikorrenti fis-17 ta' Settembru iddiskutew x'jista' jsir inkluż il-possibilita li r-rikorrent jaħdem bħala *freelancer*.  Fl-24 ta' Settembru r-rikorrenti bagħat email lix-xhud fejn infurmah li s-soluzzjoni għalih kienet li jibqa' jaħdem mid-dar. Ix-xhud qal li din ma kinitx possibli u infurmah li kellu jirrapporta x-xogħol l-uffiċċju u li jekk ma jagħmilx ma jkollhomx għażla ħlief li jikkunsidraw li r-rikorrenti abbanduna l-post tax-xogħol. Ir-rikorrent fil-fatt ma kienx fl-uffiċċju fid-data indikata u għalhekk is-soċjeta bagħtet ittra lir-rikorrent fejn infurmatu b'dan. Ir-rikorrent kiteb lura li ma jaqbilx mal-kontenut tal-ittra u li jirriżerva d-dritt li jikkontesta d-deċiżjoni. Ix-xhud qal li infurmah li jista' jikkontesta d-deċiżjoni u li seta' jagħmel arranġamenti għal smiegħ t'appell pero ma sema' xejn aktar mir-rikorrenti. In kontro eżami mistoqsi jekk kienx jimpjega lir-rikorrenti li kieku kien jaf bil-kundizzjoni tiegħu, x-xhud wieġeb li kien jistaqsi jekk kinitx ħa tkun problema għar-rikorrenti li jaħdem mill-uffiċċju. Ix-xhud ikkonferma li r-rikorrenti kien ikun jidher għajjien u li l-arranġament li jaħdem mid-dar kien wieħed temporanju. Mistoqsi dwar il-pjan li s-soċjeta jkollha dwar ir-ritorn tal-impjegati lura fl-uffiċċju meta dawn ikunu fuq *sick leave*, x-xhud wieġeb li dawn ikunu differenti għal kull impjegat għaliex jitrattawhom każ każ. Ix-xhud qal li fil-fatt għalhekk kienu bagħtu għar-rikorrent, u ċjoe sabiex jiddiskutu pjan sabiex huwa jidħol lura jaħdem l-uffiċċju. Ix-xhud qal li l-ittra li ġiet ippreżentata mill-konsulent mediku ma kinitx tagħti pariri konkreti pero ikkonferma li ma ppruvawx jitkellmu mal-konsulent mediku jew li jġibu tabib huma jew li jmorru huma għand tabib għal parir ieħor. Mistoqsi dwar l-offerta lir-rikorrent li jkun *freelance,* x-xhud qal li kien attentat min-naħa tas-soċjeta sabiex tgħin lir-rikorrent. Ix-xhud qal li huma riedu lir-rikorrent jaħdem *full time* mill-uffiċċju għaliex il-kwalita tax-xogħol meta wieħed jaħdem mid-dar waħdu tbati u tiżdied il-kumplessita tan-natura tax-xogħol. Ix-xhud ikkonferma li qatt ma ddiskutew aġġustamenti għall-ġranet tax-xogħol tar-rikorrent.

Camilla Stenmark *production manager* ma' Cherry Limited spjegat in-natura tax-xogħol tagħha u spjegat li x-xogħol jidħol għandha imbagħad hija tassenjah lit-tim tagħha. Hija spjegat kif id-dipartiment tal-*marketing* qegħdin kollha fl-istess kamra. Hija xehdet li qatt ma kellha problemi personali mar-rikorrent u lanqas qatt ma kellha problemi bil-kwalita tax-xogħol tiegħu. Hija qalet li wara xi ftit li bdiet taħdem hemm ġiet infurmata li r-rikorrent kellu jaħdem mid-dar minħabba kundizzjoni tas-saħħa tiegħu. Hija qalet li din ikkreat diffikultajiet għaliex il-komunikazzjoni kellha ssir fi stadji, mentri jekk ikunu kollha bilqegħda fejn xulxin tispjega l-affarijiet mill-ewwel. Ix-xhud ippreżentat xi dokumenti sabiex telenka dan. Ix-xhud spjegat l-importanza ta' *deadlines* fil-qasam tax-xogħol tas-soċjeta. Ix-xhud irrepetiet kemm-il darba li r-rikorrenti huwa designer kapaċi ħafna u li tieħu gost li kieku jirritorna jaħdem mas-soċjeta, pero li huwa jaħdem mid-dar ma kinitx soluzzjoni sostenibbli. In kontro eżami x-xhud kompliet issostni kemm kien diffiċli għalihom li r-rikorrent kien jaħdem mid-dar pero hija ammettiet illi qatt ma qaltlu li l-arranġament fejn huwa kien jaħdem mid-dar ma kienx qed jaħdem għaliex ma kinitx ir-responsabbilta tagħha li tagħmel dan. Ix-xhud qalet li kien ikun hemm diversi istanti meta r-rikorrent kien ikun '*missing in action'* u li anke ma kienx laħaq xi deadlines.

Dr. Maryanne Caruana *consultant cardiologist* xehdet li kienet waħda mill-*cardiologists* li kienet tieħu ħsieb lir-rikorrent. Hija spjegat fid-dettall il-kundizzjoni tar-rikrorent u qalet li hija għamelt ċertifikat mediku fejn irrakkomandat li r-rikorrent jibbenefika milli jaħdem mid-dar pero ma qalitx li huwa ma kienx f'pożizzjoni li jaħdem. Fir-rigward tat-tieni ċertifikat li hija kienet għamlet, hija qalet li kienet reġgħet spjegat f'aktar dettall dak li kienet qalet fl-ewwel ċertifikat fejn ukoll qalet li kienet il-commute li kienet qegħda taffettwa l-aktar lir-rikorrenti. Hija qalet li l-kundizzjoni tar-rikorrenti ma kinitx waħda li tipprekludih milli jaħdem f'uffiċċju. In kontro eżami x-xhud qalet li kienu qed jistennew risposta dwar operazzjoni li r-rikorrent kellu bżonn. Ix-xhud qalet li minn meta ilha tara lir-rikorrent is-sitwazzjoni tiegħu marret għall-agħar. Hija qalet ukoll li qatt ma ġiet ikkuntattjata mis-soċjeta. Hija spjegat li l-konsegwenza fuq xi ħadd li jbati mill-kundizzjoni tar-rikorrenti hija li s-sintomi tiegħu ikomplu jmorru għall-agħar. In ri eżami x-xhud qalet li r-rikorrent qatt ma talabha għal parir dwar kif jista' jirritorna lura għal xogħol f'uffiċċju.

Ir-rikorrent xehed u ta spjega tal-kwalifiki u l-esperjenza lavorattiva tiegħu. Ir-rikorrent ta ukoll spjega dettaljata tal-kundizzjoni tas-saħħa tiegħu, liema kundizzjoni huwa twieled biha u li għaliha kellu jagħmel numru ta' operazzjonijet tul ħajtu u liema kundizzjoni prekludietu milli jagħmel ċertu attivitajiet, per eżempju sportivi. Ir-rikorrent spjega illi, kif ġie impjegat mas-soċjeta huwa mela polza tal-assikurazzjoni medika fejn fiha ta dettalji tal-kundizzjoni tiegħu u huwa ppreżenta l-polza li huwa kien mela. Ir-rikorrent spjega li huwa kien jidħol kmieni sabiex jiffranka t-traffiku. Ir-rikorrent qal li mas-soċjeta kienu żewġ *graphic designers* u spjega kif kien jitqassam ix-xogħol. Ir-rikorrent qal li wara li għadda ftit żmien kien avviċina lis-superjur tiegħu u talbu sabiex ikun jista' jaħdem mid-dar minħabba li riżultat tal-kundizzjoni medika tiegħu, kien qed iħossu għajjien ħafna u bla saħħa. Huwa xtaq jaħdem mid-dar sabiex jaqta' l-*commuting time.* Ftehmu li r-rikorrenti jaħdem mid-dar u jidħol l-uffiċċju darba f'ġimgħa u imbagħad jimxu minn hemm. Daniel Oskarrson talbu ċertifikat mediku u r-rikorrent ippreżenta dan li kien iffirmat minn Dr. Maryanne Caruana, speċjalista. Il-bord aċċetta t-talba tiegħu bi żmien ta' prova ta' erba' ġimgħat. Huwa beda jidħol l-uffiċċju darba fil-ġimgħa, nhar ta' Tnejn fejn kien ikun hemm laqgħa ta' darba f'ġimgħa bejn il-kapijiet tad-dipartimenti u huwa kien ikun preżenti għal din il-laqgħa. Huwa spjega kif it-tip ta' xogħol li kien jagħmel mid-dar kien l-istess bħal dak li kien jagħmel meta kien ikun l-uffiċċju. Wara li għaddew l-erba' ġimgħat ir-rikorrent qal li għamel kuntatt ma' Daniel sabiex jaraw kif se jipproċedu. Ir-rikorrent staqsa jekk kienx hemm xi ilmenti dwaru u Daniel wieġeb li ma kienx hemm u għaldaqstant, minħabba li saħħtu kienet sejra għall-aħjar ftehmu li jkompli jaħdem mid-dar, u baqgħu sejrin hekk sa nofs Settembru. Ir-rikorrent ippreżenta xi dokumenti li spjegaw kif kien isir xogħlu mid-dar. Dawn id-dokumenti kienu jikkonsistu f'*emails*, u *chats* fuq Skpe fost affarijiet oħra. Ir-rikorrent spjega kif kien irċieva *skype chat* mingħand Camilla fejn talbitu jidħol it-Tlieta minflok it-Tnejn u dakinhar Daniel talab ikellmu u qallu li jew jidħol lura l-uffiċċju full time jew jirriżenja. Daniel tah ukoll triq oħra, dik li jkun *freelance* u huma jgħaddulu x-xogħol, pero ma setax jagħtih garanzija ta' kemm xogħol kienu jgħaddulu. Daniel imbagħad talbu ċertifikat mediku li jikkonferma li huwa kapaċi jaħdem full time mill-uffiċċju u jimxu minn hemm. Ir-rikorrenti ippreżenta dan iċ-ċertifikat u baqa' jaħdem kif kien jaħdem qabel pero Daniel tah ultimatum li jew jidħol full time l-uffiċċju jew jirriżenja. Fis-26 ta' Settembru Daniel u Gemma ċemplulu u qalulu li tterminaw l-impjieg tiegħu. Ir-rikorrent qal li Daniel qallu *'...f'business we need to lay off certain people li ma jkunux fit biex jaħdmu biex jiffitjaw mal-business kif jaħdem...'*Ir-rikorrent qal li dawk l-ilmenti li semmew ix-xhieda l-oħra qatt ma ġew

ikkomunikati lilu, u pjuttost bil-kontra li l-kollegi tiegħu kienu jfaħħrulu x-xogħol. Ir-rikorrent ippreżenti *screen shots* ta' *chat* ma' Camilla li jikkontradixxu xhieda ta' Camilla stess fejn ammettiet li kienet hi li nsiet tassenjalu x-xogħol u kien għalhekk li x-xogħol ma sarx. Ir-rikorrent spjega ukoll kif *skype* għandu problema li kultant persuna tidher *offline* u fil-fatt tkun *online*. Ir-rikorrent spjega kif wara li tkeċċa kellu jagħmel ċertu żmien ma jaħdimx minħabba li kellu bżonn jagħmel operazzjoni serja ħafna pero llum iħossu ħafna aħjar tant li qed jaħdem *full time* f'uffiċċju. In kontro eżami r-rikorrent spjega li wara li mela l-polza tal-assikurazzjoni fejn indika l-kundizzjoni tiegħu, qatt ħadd m'avviċinah biex jiddiskuti l-kundizzjoni tiegħu. Mistoqsi jekk qattx kellu intenzjoni li jerġa' jaħdem f'uffiċċju r-rikorrent qal li fil-fatt bħalissa ġo uffiċċju kien qed jaħdem u anke dak iż-żmien, kieku ġrat l-operazzjoni kien jerġa' jaħdem fl-uffiċċju. Huwa qal li l-kumpannija kienet li keċċietu u mhux hu abbanduna l-impjieg pero ma kienx lest li jidħol l-uffiċċju u kien lest li jibqa' bl-arranġamenti li kellu.

Gemma Hodge, HR Manager tat sinteżi ta' kif inhi l-kumpannija u kif taħdem kif ukoll tar-relazzjoni li hija kellha mar-rikorrent. Hija qalet li kull impjegat jgħaddi minn perjodu ta' *induction* fejn jiġi spjegat il-kuntratt tal-impjieg, issir introduzzjoni mal-impjegati kollha. F'dan l-istadju ma kienu saru l-ebda talbiet min-naħa tar-rikorrenti. Ix-xhud spjegat kif f'April kien hemm diskussjoni mar-rikorrent fuq il-kundizzjoni tiegħu u kif huma bħala kumpannija setgħu jgħinu. F'Ġunju kellhom laqgħa mar-rikorrenti sabiex jaraw kif kien sejjer, fejn huwa informhom li kien ħafna aħjar. Hija qalet li r-rikorrenti wera frustrazzjoni għaliex il-komunikazzjoni meta jaħdem mid-dar mhux l-istess bħal meta jkun l-uffiċċju. F'Settembru kellhom laqgħa oħra fejn Daniel informa lir-rikorrenti li kellu jerġa' jmur jaħdem mill-uffiċċju. Ix-xhud spjegat kif kienu ddiskutew kif dan seta' jsir pero ma kienx hemm diskussjoni min-naħa tar-rikorrent. Hija spjegat kif bħala kumpannija huma għandhom ħinijiet flessibli bil-*core hours* fejn kulħadd irid ikun l-uffiċċju ikunu bejn l-għaxra u t-tlieta ta' wara nofsinhar. Ir-rikorrent kien spjega kif it-traġitt mid-dar għax-xogħol kien qed jikkawżalu ħafna stress pero x-xhud qalet li seta' jaġġusta l-ħinijiet tiegħu hekk kif spjegat. Ix-xhud ikkonfermat x'kien ġara wara din il-laqgħa u x'kien wassal għat-terminazzjoni tax-xogħol tar-rikorrent. Hija kompliet tagħti elenku ta' dak li ġara wara t-terminazzjoni, u ppreżentat ukoll serje ta' dokumenti. In kontro eżami qalet li l-impjegati kollha ta' Cherry Limited jaħdmu mill-uffiċċju f'Malta pero huwa minnu li jikkolaboraw ma' entitajiet barra minn Malta u għaldaqstant jaħdmu 'remotely'. Ix-xhud ikkonfermat li meta r-rikorrent beda jaħdem magħhom huwa mela polza għall-assikurazzjoni tas-saħħa, hekk kif jagħmlu l-impjegati kollha tagħhom. Ix-xhud ikkonfermat ukoll illi hija ma kinitx involuta fid-deċiżjoni li r-rikorrenti jaħdem mid-dar. Hija rreferiet għal-laqgħa illi kellha f'Ġunju mar-rikorrent u ma' Daniel liema skop tal-laqgħa kien li jkun hemm update fuq is-sitwazzjoni tar-rikorrent. Ix-xhud ukoll irreferiet għal-laqgħa ta' Settembru u hija qalet li kienet iddiskutiet 'phased return' għall-uffiċċju mar-rikorrent. Mistoqsija jekk hija kinitx qatt ikkuntattjat lit-tabib hija wieġbet li le għaliex kienet saqsiet lir-rikorrent sabiex jagħmel dan. Ix-xhud tat rendikont ta' x'ġara li wassal lir-rikorrent sabiex jieqaf mix-xogħol u mistoqsija min ħa d-deċiżjoni li jiġi tterminat l-impjieg, hija baqgħet tinsisti li kien ir-rikorrenti li ma kienx daħal l-uffiċċju.

**<u>Sottomissjonijiet Finali</u>**

Is-soċjeta tat rijassunt tal-fatti tal-każ u spjegat kif ir-rikorrenti allega li t-tkeċċija tiegħu kienet waħda inġusta u diskriminatorja. Fl-osservazzjonijiet tagħha s-soċjeta qalet li l-punto di partenza huwa li peress li r-rikorrenti jbati b'kundizzjoni f'qalbu, skont pariri mediċi, huwa ma setax jaħdem fl-uffiċċju tas-soċjeta imma kellu jitħalla jaħdem mid-dar. Is-soċjeta ppruvat tgħin u taġevola lir-rikorrenti billi tatu perjodu ta' prova li jaħdem mid-dar, liema perjodu saħansitra ġie estiż. Is-soċjeta rreferiet għall-klawsoli kuntrattwali li kienu jgħidu li r-rikorrenti kellu jaħdem f'post indikat mis-soċjeta. Is-soċjeta rreferiet ukoll għall-opinjoni medika fejn ġie ddikjarat li kien ta' benefiċċju għar-rikorrenti li jkompli jaħdem mid-dar, pero ma qalitx li bilfors kellu jaħdem mid-dar u kkonfermat b'mod unekwivoku li hu seta' jkompli x-xogħol tiegħu mill-uffiċċju. Għalkemm is-soċjeta qalet li kienet lesta tieħdu lura, hija kienet lesta tagħmel dan biss jekk huwa kien jaħdem mill-uffiċċju, xi ħaġa li huwa ma kienx lest li jagħmel u li huwa qatt ma ffaċilita li jsir dan.

Ir-rikorrenti spjega kif is-soċjeta kienet taf bil-kundizzjoni tiegħu qabel ġie mpjegat minħabba li huwa ta informazzjoni għall-assigurazzjoni tas-saħħa li s-soċjeta kienet toffri lil kull impjegat tagħha. Huwa spjega kif wara ftit xhur fl-impjieg huwa beda jħoss l-effetti tal-kundizzjoni tiegħu abbinata mal-istress tax-xogħol u mat-traġitt tat-traffiku li kien jagħmel kull filgħodu. U għalhekk, fuq parir tal-ispjeċjalista, huwa talab permess sabiex jaħdem mid-dar, liema permess ingħatalu, bil-kundizzjoni li huwa jattendi l-uffiċċju darba f'ġimgħa. Kien hemm ukoll ftehim informali li fi żmien erbgħa ġimgħat kellu jkun hemm laqgħa sabiex jiġi ddeterminat jekk dan l-arranġament kienx qiegħed jgħin lir-rikorrenti. Wara dawn l-erbgħa ġimgħat ġie ddeterminat li dan l-arranġament kien qed jibbenifika lil kulħadd għaldaqstant ftehmu li jitkompla. F'Settembru tal-2014 is-soċjeta riedet li jidħol lura l-uffiċċju kuljum u meta rrifjuta hija lliċenzjatu. Fl-osservazzjonijiet tiegħu r-rikorrenti qal li l-pern ta' din il-kwistjoni tax-xogħol u dak li *"t-Tribunal huwa msejjaħ biex jiddeċiedi jekk il-prinċipal għandux dmir u obbligu illi jwettaq aġġustament fis-sistema lavorattiva ta' l-impjegati tiegħu minħabba ċirkostanzi li huma personali għal dawk l-impjegati jew għal xi impjegat, u konsegwenzjalment, f'każ li t-Tribunal isib li dak l-obbligu jeżisti, x'inhuma l-limiti u l-parametri ta' dak l-obbligu."* Ir-rikorrenti spjega kif l-ebda prinċipal ma għandu dmir ġenerali li jagħmel aġġustamenti sabiex jakkomoda impjegat wieħed pero hemm każijiet espressament komtemplati u previsti mil-liġi u hawn ir-rikorrenti rrefera għall-artikolu 7 (1), 7 (2)(d) u 7 (5)(b) tal-Att dwar Opportunitajiet Indaqs għal-Persuni b'Diżabilita. Ir-rikorrenti kompla billi rrefera għad-definizzjoni ta' diżabilita fl-Att imsemmi u għax-xhieda ta' Dr. Maryanne Caruana u għaldaqstant il-kundizzjoni tar-rikorrenti tinkwadra f'din id-definizzjoni. Ir-rikorrenti rrefera għall-provvedimenti tal-liġi fejn huwa spjegat x'tinkludi l-frażi 'akkomodazzjoni raġjonevoli', u li fost il-ħwejjeġ imsemmija hemm ukoll ristrutturar ta' impjiegi, skeda ta' xogħol modifikata u l-aġġustament jew tibdil xieraq ta' policies. Ir-rikorrenti kompla billi jgħid li l-unika difiża tal-prinċipal biex jevita li jwettaq dawn il-miżuri hija fejn il-prinċipal seta' jġib prova li dan it-tibdil ser joħloq preġudizzju mhux xieraq għal min iħaddem, liema prova ma nġabitx. Ir-rikorrenti rrefera għax-xhieda ta' Daniel Oskarrson fejn qal li r-rikorrenti ma setax jibqa' jaħdem mid-dar pero ma qalx x'inhuma dawn il-proġetti kbar u għalfejn ma setgħux isiru bir-rikorrenti jaħdem mid-dar. Ir-rikorrenti rrefera għax-xhieda ta' Camilla Stenmark fejn xehdet dwar ħames okkażżjonjiet fejn inħasset il-limitazzjoni tiegħu li jaħdem mid-dar, pero r-rikorrenti qal li l-istess xhud kienet sleali għaliex f'uħud mill-okkażżjonijiet esebiet biss partijiet mic-*chats* u mhux ic-

*chats* kompluti. Ir-rikorrenti qal li kieku s-soċjeta riedet tkun raġjonevoli kienet setgħet toħloq akkomodazzjoni raġjonevoli u ta xi eżempji ta' kif dan seta' jsir, eżempju, billi jiżdiedu l-ġranet fl-uffiċċju. Dwar ir-rimedju, r-rikorrenti qal li r-reintegrazzjoni mhux indikat u mhux idoneju għaldaqstant fadal ir-rimedju pekjunarju.

**Kunsiderazzjonijiet**

Fost it-talbiet imressqa quddiem it-Tribunal, it-Tribunal ġie mitlub jiddeċiedi jekk it-terminazzjoni tal-impjieg kinitx waħda inġusta u mingħajr raġuni tajba u biżżejjed fil-liġi u/jew b'mod diskriminatorju.

Fuq it-tkeċċija inġusta, t-Tribunal jibda billi jirrimarka illi kien hemm qbil fost ix-xhieda illi r-rikorrent kien tajjeb ħafna f'xogħlu u li s-soċjeta kienet kuntenta ħafna bil-livell tax-xogħol tiegħu u sakemm huwa talab sabiex jingħata l-fakolta illi jaħdem mid-dar ma jidhirx illi kien hemm problemi fuq il-post tax-xogħol tiegħu. Il-problemi bdew meta r-rikorrenti beda jħoss sintomi relatati mal-kundizzjoni medika tiegħu u talab illi jaħdem mid-dar, liema talba inizzjalment intlaqgħet mis-soċjeta. Kien meta, f'Settembru intalab illi jirritorna jaħdem kompletament mill-uffiċċju, illi kien hemm disgwit bejn il-partijiet.

It-Tribunal jibda billi jgħid li xogħol mid-dar, dak li huwa komunament imsejjaħ *telework,* ma huwiex xi dritt sagrosant tal-impjegat u fil-fatt anke fil-leġislazzjoni sussidjarja 452.104 hemm referenza għad-dritt ta' min iħaddem li ma jaċċettax it-talba ta' impjegat li jagħmel xogħol mid-dar. Pero, hawn it-Tribunal iżid illi ġialadarba min iħaddem ikun aċċetta li impjegat jaħdem mid-dar, dan għandu jiġi trattat l-istess bħal kull impjegat ieħor li jagħmel xogħlu mill-uffiċċju.

Ix-xhieda min-naħa tas-soċjeta qalu li dan kien hemm bżonnu minħabba li x-xogħol tar-rikorrenti kien wieħed li kien hemm bżonn team work u li l-preżenza tiegħu fl-uffiċċju kienet indispensabbli. Kien hemm ukoll xhud li qalet li r-rikorrent kien waqa' lura f'xi deadlines u li ma kienx ikun dejjem aċċessibli u għaldaqstant l-arranġament li huwa jaħdem mid-dar ma kienx qiegħed jaħdem. Is-soċjeta ukoll argumentat li kellha xi proġetti kbar ġejjin u li anke għalhekk, il-preżenza tar-rikorrent *full time* fl-uffiċċju kienet indispensabbli. It-Tribunal jirrimarka illi x-xhud Camilla Stenmark ippreżentat nofs *chat* sabiex issostni l-pożizzjoni tagħha u meta r-rikorrent ippreżenta c-*chat* fl-intier tagħha s-sitwazzjoni kienet kemmxejn differenti minn dik impenġija mis-soċjeta. Ix-xhud tas-soċjeta ukoll naqset tgħid li għalkemm allegat li r-rikorrent kien qed jaqa' lura minn xogħlu, fis-sitwazzjoni li kienet irreferiet għaliha hi, dan sar għaliex kienet hi li nsiet tassenjalu x-xogħol. Is-soċjeta naqset ukoll milli tipprova li qatt inġibdet l-attenzjoni tar-rikorrent li huwa kien qed jaqa' lura mid-deadlines u/jew li ma kinux kuntenti bix-xogħol tiegħu. It-Tribunal jaqbel ukoll illi s-soċjeta naqset milli ġġib prova li kellha proġetti kbar li kienu ser jibdew fil-ħarifa. Is-soċjeta qatt ma semmiet x'kienu dawn il-proġetti u lanqas qatt ma tat xi tip ta' dettalji ta' dawn il-proġetti fiex kienu jikkonsistu. Huwa ben risaput illi t-tkeċċija hija l-piena kapitali għal impjegat għaldaqstant sabiex impjegat jiġi mkeċċi s-soċjeta trid tkun għamlet mill-aħjar possibli sabiex dan jiġi evitat. Ir-rikorrent qatt ma ġie mwiddeb illi xogħlu ma kienx tajjeb, jew li kien qiegħed jonqos

milli jagħmel l-erbgħin siegħa ta' xogħol. Għalkemm ġie allegat li kien hemm xi diskussjonijiet dwar ritorn gradwali, dak l-hekk imsejjaħ *phased return to employment*, dawn il-proposti qatt ma ġew imressqa b'mod formali lir-rikorrent, anzi din ir-responsabbilta ntefgħet fuq ir-rikorrent għaliex kien mistenni li huwa kellu jagħmel dawn il-proposti[1]. Fil-korrispondenza tal-24 ta' Settembru 2014, bejn Daniel Oskarrson u r-rikorrent, Oskarrson kiteb is-segwenti:

*As stated in our discussion on Monday we need your decision if you 1. Can come back to work full time in the office. 2. Come back to work full time in the office with reasonable adjustments to help you and your condition or 3. Resign and start working as a freelance helping us with certain tasks. You working from home was and is still not an acceptable and efficient option long term.*

Għal din ir-rikorrent wieġeb li ma jixtieqx li jinbidlu l-arranġamenti li huwa jaħdem mid-dar minħabba li dan l-arranġament kien wieħed li kien ta' benefiċċju għal saħħtu. Għal din Daniel Oskarrson wieġeb

*In my position as you manager I have to ask you now to:*
1. *Come in to work now and work full-time*
2. *Resign*

Ir-rikorrent qatt ma aċċetta li jirriżenja u fil-fatt saħaq li huwa diġa jaħdem full time mal-kumpannija. Il-kumpannija qalet lir-rikorrent li jekk ma jkunx l-uffiċċju l-għada sal-għaxra ta' filgħodu huma ser jikkunsidraw lir-rikorrent li abbanduna l-post tax-xogħol.

Dwar id-dubju li donnu nxteħet fuq il-pariri mediċi miġjuba mir-rikorrenti, s-soċjeta naqset ukoll milli tirreferi l-każ lil tabib tal-fiduċja tagħha u minflok, tefgħet din ir-responsabbilta fuq ir-rikorrent, meta kien fl-interess tagħha li tivverifika dan.

Dwar l-allegazzjoni ta' diskriminazzjoni, r-rikorrent jagħmel referenza għall-provvediment tal-Kap. 453. Diżabbilta f'dan l-Att hija definita bħala *"nuqqas fiżiku, mentali, intellettwali jew sensorju għal żmien twil li flimkien ma' ostakli diversi, jista' jillimita lil persuna milli tipparteċipa b'mod sħiħ u effettiv fis-soċjetà b'mod ugwali daqs l-oħrajn".* Fl-opinjoni tat-Tribunal, mix-xhieda prodotta, senjament, tar-rikorrent u tal-kardjologu tiegħu, il-kundizzjoni tar-rikorrent tinkwadra f'din id-definizzjoni stante illi l-kundizzjoni tiegħu tillimitah milli jipparteċipa b'mod sħiħ u effettiv fis-soċjeta b'mod ugwali daqs l-oħrajn.

Ir-rikorrent jagħmel ukoll referenza għall-obbligu tas-soċjeta illi tipprovdi akkomodazzjoni raġjonevoli lir-rikorrent. Fil-każ HK Danmark acting on behalf of Ring v Dansk almennyttigt Boligsekskab and another (2013) IRLR 571 il-Qorti Ewropea qalet li l-kunċett ta' akkommodazzjoni raġjonevoli għandha tingħata definizzjoni wiesgħa. Fil-konversazzjoni li r-rikorrent kellu ma' Oskarrson ħarġet ċara li s-soċjeta ma kellha l-ebda intenzjoni li ddaħħal policy ta' telework pero l-qrati Ewropej u Ingliżi kemm-il darba saħqu li *policy, criterion or practice (PCP)* ma tistax tkun diskriminatorja, kemm direttament kif ukoll indirettament u f'dan il-każ il-policy li ma tingħatax

[1] Ittra mibgħuta minn Daniel Oskarrson lir-rikorrent, datata 26 ta' Settembru 2014

telework lil persuna li jaqa' taħt id-definizzjoni ta' persuna b'disabbilita tista' titqies bħala waħda diskriminatorja. Min iħaddem għandu obbligu li jindirizza svantaġġ li persuna b'disabbilta ssofri minħabba policy tiegħu. L-Equality and Human Rights Commission Statutory Code of Practice jagħti diversi eżempji ta' akkommodazzjoni raġjonevoli u fost wieħed mill-eżempji jgħid hekk "Assigning the disabled worker to a different place of work or training or arranging home working"[2].

L-EHRC Code jagħti wkoll il-lista ta' fatturi li wieħed għandu jieħu in kunsiderazzjoni sabiex jiddetermina jekk aġġustament huwiex wieħed raġjonevoli, pero jżid li *"ultimately the test of 'reasonableness' of any step an employer may have to take is an objective one and will depend on the circumstances of the case"*.

Il-fatt li l-aġġustament, f'dan il-każ ta' xogħol mid-dar, ma tantx jidher li kien popolari mal-kollegi tar-rikorrent lanqas ma hija raġuni valida għalfejn l-aġġustament ma kellux isir. Fil-każ G4S Cash Solutions (UK) Ltd v Powell UKEAT/0243/15 l-Employment Appeals Tribunal qal li l-fatt li aġġustament mhuwiex popolari mal-impjegati l-oħra ma hijiex skuża għalfejn tali aġġustament m'għandux jiġi implimentat.

Waħda mill-eċċezzjonijiet għall-obbligu ta' aġġustamenti raġjonevoli huwa jekk tali aġġustament joħloq preġudizzju lil min iħaddem. Sabiex wieħed jevalwa dan il-preġudizzju hux qed jinħoloq jew le wieħed irid iħares lejn l-effett fuq ir-riżorsi u l-finanzi tas-soċjeta. F'dan il-każ it-Tribunal iħoss li ma nġabux provi suffiċjenti sabiex jiġi ppruvat dan il-preġudizzju.

**<u>Deċiżjoni</u>**

It-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din il-kwistjoni billi jiddikjara li t-terminazzjoni ta' l-impjieg da parti tas-soċjeta' ntimata ma kinitx waħda ġusta, kif ukoll kienet waħda diskriminatorja.

**<u>Kumpens:</u>**

Wara li qies il-fatti kollha tal-każ u d-danni sofferi mir-rikorrent it-Tribunal jiddeciedi sabiex jordna lis-soċjeta` intimata illi tagħti kumpens ta' għoxrin elf ewro (€20,000) lir-rikorrent bħala kumpens għat-tkeċċija inġusta u għaxart elef (€10,000) bħala kumpens għad-diskriminazzjoni, liema ammonti għandhom jitħallsu fi żmien xahar mid-data ta' din id-deċiżjoni. It-Tribunal ma jilqax it-talba għar-reintegrazzjoni stante illi din kienet anke ġiet abbandunata mir-rikorrent.

Għall-finijiet ta' l-Avviż Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' €93.17.

A tenur ta' l-Artikolu 78(1) tal-Kap. 452 ma kienx possibbli li l-każ jinstama' u jinqata' fi żmien xahar kif preskritt fl-istess Att.

---

[2] EQUALITY ACT 2010 CODE OF PRACTICE, EMPLOYMENT STATUTORY CODE OF PRACTICE; page 84

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xogħol.

**(iffirmata)**

Dr. Charmaine Cristiano Grech
Chairperson

**VERA KOPJA**

Graziella Spiteri
Ghas-Segretarju